

# News Releases



# Il-Qgħad Irreġistrat: Lulju tal-2023

NR155/2023 Data tal-Ħruġ: 28 ta' Awwissu 2023

*F'Lulju tal-2023, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 893, li huma tnaqqis ta' 32 persuna meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Lulju 2023 kien hemm tnaqqis ta' 46 persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u żieda ta' 14-il persuna li kienu qegħdin jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). It-tnaqqis fir-reġistrar deher fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età barra f'dawk taħt l-20 sena u f'dawk ta' bejn it-30 u l-44 sena (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kien irreġistrat tnaqqis ta' 8 persuni u 43 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal inqas minn 21 ġimgħa u fl-għadd tal-oħrajn li kienu ilhom fuq ir-reġistru għal aktar minn sena, rispettivament. Min-naħa l-oħra, il-persuni li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa żdiedu bi 19 (Tabella nru 2).

F'Lulju 2023, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol żdied b'wieħed meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq 226 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 77.4 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'21.3 fil-mija u b'36.4 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

